MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tat-8 ta' Gunju, 2007

Numru 83/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Andrew Falzon**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Andrew Falzon talli nhar id-19.07.2006 ghal habta tad-09.00pm saq, ipprova jsuq jew kien fil-kontroll tal-vettura BAT-386 fi Triq il-Luzzu, Marsalforn, Ghawdex, wara li kkonsma tant alkohol li l-proporzjon tieghu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina kien izjed mil-limitu preskritt (Art 15B, Kap 65);

Rat is-sentenza ta' l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tal-15 ta' Frar, 2007 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Andrew Falzon hati skond l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkundannatu multa ta' mitejn w ghoxrin lira (lm220), kif ukoll, ai termini tal-Artikolu 15H(2)

tal-Kap 65, ordnat li l-imputat jigi skwalifikat mil-licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta’ sitt (6) xhur mid-data tas-sentenza;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmi Andrew Falzon, minnu prezentat fit-23 ta’ Frar 2007, li permezz tieghu talab ir-revoka ta’ l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-4 ta’ Mejju 2007; ikkunsidrat:

Dana l-appell jirrigwarda incident li sehh meta, waqt li l-appellant kien qed isuq il-vettura BAT-386, huwa laqghat zbrixx vettura ohra parkeggjata. Issejhu l-gwardjani lokali u l-pulizija, u peress li kien hemm indikazzjonijiet li Falzon kien xurban ossia taht l-influwenza tal-alkohol, waslu wkoll tal-*mobile* li ghamlu r-*roadside test*, liema test indika 112 mikrogramma ta’ alkohol f’100 millilitru ta’ nifs. Huwa ttiehed l-Ghassa tar-Rabat, fejn hemmhekk intalab jaghti zewg kampjuni tan-nifs ghall-finijiet tal-analizi tan-nifs. L-ewwel kampjun indika 90 mikrogramma; it-tieni kampjun, izda, ma tax qari presumibbilment minhabba xi malfunzjonament tal-apparat.

L-appellant ghandu bazikament zewg aggravji. L-ewwel aggravju hu fis-sens li ma rrizultax pruvat li huwa kien qed isuq fi triq pubblika. Skond l-appellant l-incident gara go sqaq. Dana l-aggravju huwa wiehed fieragh. Sqaq, bhalma jidher fir-ritratt ezibit mid-difiza fl-udjenza tal-4 ta’ Mejju 2007, u cioe` sqaq li fuqu jaghtu l-bibien ta’ djar u appartamenti, hu prezunt li huwa triq pubblika, salv prova kuntrarja. Il-kodici li principalment jitkellem dwar toroq huwa l-Kapitolu 10 u cioe` l-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija, li proprju fl-Artikolu 2 tieghu jiddefinixxi “triq” bhala li “tfisser kull triq u tinkludi hara[1], sqaq, pjazza, fortifikazzjoni, jew lok iehor ta’ passagg pubbliku”. Ma hemmx dubbju, anke mid-deposizzjoni ta’ John Saliba, li fejn grat il-habta u allura fejn kien qed isuq l-appellant, hija triq pubblika.

[1] “Road” fit-test ingliz.

It-tieni aggravju huwa fis-sens li it-testijiet li saru tan-nifs ta' l-appellant "ma kienux skond il-ligi". L-appellant in effetti jillanja li r-risultati tar-*roadside test* u tal-analizi (wahda) li saret fil-Ghassa tar-Rabat ma kienux bizzejjed biex jissodisfaw il-vot tal-Artikolu 15B tal-Kap. 65. L-appellant ikompli hekk: *"Anke f'tali cirkostanzi l-prosekuzzjoni naqset li turi lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li s-sewwieq ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb. Di fatti 'ex admissis' mill-istess ufficjali tal-Pulizija investigattiva, gie pruvat li l-appellant ikkopera mill-ewwel, ikkomporta ruhhu b'mod civili ghall-ahhar, ma holoq l-ebda problemi, anzi mar lura Malta wahdu. Dan juri li l-appellant kellu l-kontroll shih tieghu fuqu innifsu. Li kieku ma kienx f'dik il-kundizzjoni zgur li l-Pulizija ma kienux ser ihalluh jirritorna Malta wahdu."*

Issa, fir-rigward ta' dan it-tieni agggravju l-appellant ghandu, f'certu sens, ragun. L-imputazzjoni hija redatta b'mod li tindika li r-reat ipotizzat huwa dak kontemplat fl-Artikolu 15B tal-Kap. 65. Ghall-integrazzjoni ta' dan ir-reat, li hu marbut ma' livell partikolari ta' alkohol fin-nifs, fid-demm jew fl-urina, iridu jsiru t-testijiet skond ma jipprovdi l-Artikolu 15E. Fil-kaz in dizamina, minhabba ragunijiet mhux imputabbli lill-appellant, dan ma sarx: meta ttiehed it-tieni kampjun fil-Ghssa tar-Rabat, l-apparat ma ta ebda *reading*. Pero`, kif gie osservat fis-sentenza ta' din il-Qorti tat-23 ta' April 2004 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Anthony Muscat**, ir-reat kontemplat fl-Artikolu 15A(1)[2] tal-imsemmi Kap. 65 huwa kompriz u involut f'dak kontemplat fl-Artikolu 15B. Filwaqt li fil-kaz tal-Artikolu 15B ir-reat, kif inghad, hu marbut ma' livell partikolari ta' alkohol – fis-sens li appena jinqabez dak il-limitu hemm il-presunzjoni *juris et de jure* li dak li jkun ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb – fil-kaz tal-Artikolu 15A(1) il-legislatur ma ppreskriva ebda livell partikolari ta' alkohol fis-sistema tas-sewwieq, b'mod li anke b'livell <u>anqas</u> minn dak "preskritt" tista' tinstab htija taht dan l-artikolu jekk <u>oggettivament ikun jirrizulta li s-sewwieq ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb</u> (jew drogi). Fi kliem iehor, persuna li tkun

[2] "Ebda persuna ma ghandha ssuq jew tipprova ssuq jew ikollha l-kontroll ta' *motor-car* jew vettura ohra li tkun fit-triq jew f'post pubbliku iehor jekk ma tkunx f'kundizzjoni li ssuq minhabb xorb jew drogi."

akkuzata taht l-Artikolu 15B tista' ma tinstabx hatja taht dana l-artikolu izda minflok tinstab hatja taht l-Artikolu 15A(1). Inoltre, ghall-finijiet ta' l-imsemmi Artikolu 15A(1) jista' jittiehed in konsiderazzjoni anke r-rizultat tat-test tan-nifs (ir-*roadside test*) maghmul taht l-Artikolu 15C (a differenza tal-analizi tan-nifs taht l-Artikolu 15E) – ara f'dan is-sens is-segwenti decizjonijiet ta' din il-Qorti: **Il-Pulizija v. Francis Pace** 2/9/1999, **Il-Pulizija v. Marlon Montebello** 9/2/2001, u **il-Pulizija v. Claire Falzon** 5/3/2001. Ir-rizultat tat-test tan-nifs taht l-Artikolu 15C jista' wkoll jittiehed in konsiderazzjoni ghall-finijiet tal-*proviso* tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 15H. Fil-kaz in dizamina, jirrizulta mill-kumpless tal-provi li l-appellant certament kien xorob b'tali mod li ma kienx f'kundizjjoni li jsuq ghax il-kapacita` tieghu li jsuq sew kienet imnaqqsa. Il-fatt li huwa kkopera mal-Pulizja u ma habbathomx – kienet il-magna tal-Ghassa tar-Rabat li wriet refrattarjeta`! – u mar lura Malta wahdu b'ebda mod ma jfisser li huwa kien fi stat li jsuq sew.

Ghall-motivi premessi, tirriforma s-sentenza appellata billi (**1**) thassarha u tirrevoka in kwantu ddikjarat lill-appellant hati talli fid-19 ta' Lulju 2006 ghall-habta tad-9.00 pm saq, ipprova jsuq jew kien fil-kontroll tal-vettura BAT-386 fi Triq il-Luzzu, Marsalforn, Ghawdex wara li kkonsma tant alkohol li l-proporzjon tieghu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina kien izjed mil-limitu preskritt, u minflok tiddikjarah hati talli fl-istess data, hin u lok huwa saq jew ipprova jsuq jew kellu kontroll tal-vettura imsemmija meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb; (**2**) thassarha u tirrevokaha wkoll f'dik il-parti fejn ikkundannatu multa ta' mitejn u ghoxrin lira u minflok tiddundannah multa ta' mitejn lira (Lm200), konvertibbli f'erbghin gurnata prigunerija f'kaz ta' nuqqas ta' pagament skond il-ligi; u (**3**) tikkonfermaha fil-bqija, cioe` fejn huwa gie skwalifikat mill-licenzja tas-sewqan ghal periodu ta' sitt xhur. Il-periodu ta' l-iskwalifika jibda jiddekorri minn nofs il-lejl u minuta ta' ghada.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------